MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 352/2005

**Avviz numru 352/05DM**

**Maria Cassar (ID 626854 M)**

**Vs**

**Martin Cassar u Veronique Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti, sabiex dawn jizgumbraw mill-fond 72, Triq il-Pont, Mosta, stante li qed jokkupaw l-istess minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ai fini ta’ kompetenza qed jigi ddikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix il-Lm500.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici,

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda konsegwentement tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgombraw mill-fond in kwistjoni ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz u dana fi zmien tlett (3) ijiem mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------